# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 11**

**Appell numru 338/2014/2 AF**

Rikors fl-atti tal-kawża fl-ismijiet:

**Anthony *sive* Tony Bileci u**
**martu Lorenza Bileci**

***v.***

**Emanuel *sive* Noel Bileci u**
**martu Josephine Bileċi**

1. Dan huwa appell tal-intimati Emanuel u Josephine Bileci ["l-appellanti"] minn provvediment mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 2020 illi bih l-ewwel qorti ordnatilhom iċedu proċeduri ġudizzjarji mibdija minnhom. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'kitba privata tal-1 ta' Novembru 2013 l-appellanti ntrabtu li jbiegħu lir-rikorrenti Anthony u Lorenza Bileci ["ir-rikorrenti"], li min-naħa tagħhom intrabtu li jixtru, l-ishma tal-appellanti f'diversi proprjetajiet immobbli. Fost il-pattijiet miftiehma hemm dak li jgħid hekk:

> »(13) Il-vendituri [l-appellanti] jobbbligaw ruħhom illi kontestwalment mal-att ta' bejgħ jirtiraw kull azzjoni legali u/jew ġudizzjarja illi huma għandhom kontra l-kompraturi u/jew kontra kwalunkwe kumpannija illi l-istess kompraturi huma azzjonisti u/jew diretturi fiha.«

3. L-appellanti ma dehrux għall-pubblikazzjoni tal-att ta' bejgħ-u-xiri għal-kemm imsejħa b'att ġudizzjarju kif trid il-liġi. Ir-rikorrenti għalhekk fetħu l-kawża li fl-atti tagħha sar dan ir-rikors tal-lum u talbu illi l-qorti tikkundannahom jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att "*ai termini* tal-iskrittura konkluża bejn il-partijiet … datata l-1 ta' Novembru 2013" u taħtar kuraturi biex jidhru f'isimhom jekk jonqsu.

4. B'sentenza tal-4 ta' Marzu 2015 l-ewwel qorti laqgħet it-talba "kif dedotta". Sar appell li iżda ġie miċħud minn din il-qorti b'sentenza tat-13 ta' Lulju 2020 li ordnat illi "l-kuntratt għandu jiġi ppubblikat fl-14 ta' Ottubru 2020 fil-11 *a.m.* fil-bini tal-qorti, bil-kondizzjonijiet li jissemmew fil-konvenju".

5. B'rikors tad-9 ta' Ottubru 2020 quddiem din il-qorti r-rikorrenti talbu illi l-qorti tordna lill-appellanti "jċedu l-azzjonijiet legali u ġudizzjarji kollha li għandhom fil-konfront tar-rikorrenti", fosthom ir-rikors numru 842/2015, ir-rikors maħluf numru 274/2016, u r-rikors maħluf numru 379/2018.

6. Billi dehrilha illi din kienet talba għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-13 ta' Lulju 2020, u l-art. 265 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jrid illi sentenza tiġi esegwita mill-qorti tal-ewwel grad, din il-qorti bi

provvediment mogħti fit-13 ta' Ottubru 2020 ordnat illi r-rikors jinstema' mill-ewwel qorti.

7. Bil-provvediment tas-16 ta' Diċembru 2020 li minnu sar dan l-appell, l-ewwel qorti laqgħet it-talba għal raġunijiet li fissrithomn hekk:

> »… … … il-proċeduri odjerni huma waħda minn *iter* sħiħ ta' proċeduri intavolati bejn il-partijiet wara sentenza ta' din il-qorti pronunzjata fl-4 ta' Marzu 2015 u sussegwentement konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2020.
>
> »Permezz tal-fuq ċitata sentenza din il-qorti ordnat lill-intimati odjerni jersqu għall-pubblikazzjoni ta' kuntratt finali *ai termini* ta' konvenju maqbul fl-1 ta' Novmebru 2013. Għalkemm f'dik il-kawza l-intimati baqgħu kontumaċi, jirriżulta inkontestat li kienu jafu bil-kawża, segwewha u kienu patroċinati dwarha minn avukat, kif kienu *del resto* meta ffirmaw il-konvenju *de quo*. Tant hu hekk illi fl-ebda stadju ma ttentaw jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom fil-kawża.
>
> »Emanuel u Josephine Bileci llum qegħdin jirrifjutaw li jonoraw waħda mill-kundizzjonijiet fil-fuq imsemmi konvenju u *cioè* l-obbligu li assumew li kontestwalment huma għandhom jirtiraw kull azzjoni legali u/jew ġudizzjarja li huma għandhom kontra Anthony u Lorenza Bileci. Ir-raguni li qiegħda tinġieb hija li, fil-mument tal-konvenju, il-kawżi pendenti llum kienu għadhom ma ġewx intavolati u għalhekk ma għandhomx jiġu rtirati.
>
> »Din il-qorti ma taqbilx. Is-sentenza ta' din il-qorti ma tħalli ebda lok għal interpretazzjoni. Il-kundizzjonijiet tal-iskrittura huma ċari u għandhom jiġu rispettati. Fin-natura tagħha, skrittura ta' konvenju tieħu bħala punt ta' referenza l-mument ta' finalizzazzjoni u pubblikazzjoni tal-kuntratt. Kull kundizzjoni *per forza* tirreferi għall-att finali. Jidher ċar illi, meta ġie ffirmat il-konvenju, kienu diġà jeżistu diverġenzi kbar bejn il-partijiet u kien għalhekk li jidher li ddaħħlet il-klawsola *de quo*. Fil-mument tal-konvenju kienu jeżistu bejn il-partijiet diversi pretensjonijiet u saħansitra kienu ġà ntbagħtu xi ittri uffiċċjali.
>
> »Jirriżulta *inoltre* illi meta ġie trattat l-appell il-kawżi *de quo* kienu diġà ġew intavolati u madanakollu ma saret ebda referenza għalihom.
>
> »Għaldaqstant il-qorti taqta' u tiddeċiedi billi … … …
>
> »1. … … … tordna l-esekuzzjoni tal-kawza ċit. nru 338/14 mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet premessi;
>
> »2. … … … tordna lill-intimati Emanuel *sive* Noel Bileci u martu Josephine Bileci konjuġi Bileci jċedu l-azzjonijiet legali u ġudizzjarji kollha li għandhom fil-konfront tar-rikorrenti, inkluż is-segwenti kawzi:
>
> »• rikors nru 842/2015 fl-ismijiet <u>Emanuel *sive* Noel Bileci *v.* Anthony Bileci *pro et noe*</u> quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ);

- »• rikors ġuramentat nru 274/2016 fl-ismijiet Emanuel *sive* Noel Bileci *et v.* Anthony Bileci *et* quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti;
- »• rikors ġuramentat nru 379/2018 fl-ismijiet Emanuel *sive* Noel Bileci *et v.* Anthony Bileci *et* quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili; u

»fin-nuqqas da parti tal-intimati Emanuel *sive* Noel Bileci u martu Josephine Bileci konjuġi Bileci li jottempraw ruħhom ma' dak ordnat, tawtorizza lill-kuratriċi … … … sabiex iċċedi l-imsemmija kawżi f'isem l-intimati.

»L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu minn Emanuel *sive* Noel Bileci u martu Josephine Bileci.«

8. Sar-appell b'rikors tal-21 ta' Diċembru 2020 u l-appellanti talbu illi din il-qorti "tħassar … … … id-degriet mogħti mill-ewwel qorti fil-16 ta' Diċembru 2020 u għalhekk l-istess degriet jiġi maqlub u konvertit fis-sens illi t-talbiet hemm magħmula għandhom jiġu miċħuda b'mod assolut u allura jiġi ffirmat il-kuntratt abbażi tal-konvenju u dan isir mingħajr ebda ċessjoni ta' ebda waħda mill-kawżi … … … li jġibu n-numri 842/2015, 274/2016 u 379/2018."

9. Ir-rikorrenti wieġbu fid-29 ta' Jannar 2021 u ressqu din l-eċċezzjoni preliminari:

»Ir-rikors ippreżentat mill-appellanti huwa irritu u null u dan għas-segwenti raġunijiet:-

»(i) id-digriet mogħti mill-ewwel qorti fis-i6 ta' Diċembru 2020 huwa digriet li ma jistax ikun hemm appell minnu skond il-liġi;

»(ii) l-istess digriet huwa digriet finali u inappellabbli, għall-esekuzzjoni ta' sentenza finali mogħtija minn dina l-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2020 u li allura għaddiet in ġudikat;

»(iii) fil-każ ta' appelli s-sentenza għandha tigi esekwita mill-qorti tal-ewwel grad *ai termini* tal-art. 265 tal-Kap. 12, hekk kif dina l-Qorti tal-Appell stess ipprovdiet permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Ottubru 2020 fuq talba tal-appellati għall-esekuzzjoni tal-istess sentenza msemmija, li wasslet għad-digriet finali tal-ewwel qorti li issa qed isir tentattiv ta' appell minnu, meta din il-qorti ġà pprovdiet li l-esekuzzjoni tas-sentenza tispetta lill-ewwel qorti, kif effettivament ġara;

»(iv) l-appellanti stess fir-rikors tagħhom allegatament ta' appell naqsu milli jiddikjaraw il-bażi legali, ossija d-disposizzjoni tal-liġi,

> li fuqha qed jinterponu l-allegat appell *de quo* tant kemm huma stess ma jafux fuq liema fondament legali qed jittentaw dan l-appell.
>
> »Fuq hekk biss, ir-rikors *de quo* għandu jiġi dikjarat bħala irritu u null u konsegwentement it-talba tal-appellanti tiġi miċħuda.«

10. Peress illi, jekk tintlaqa’ din l-eċċezzjoni, l-appell jieqaf hawn, il-qorti sejra tibda billi tqis din l-eċċezzjoni qabel ma tqis il-meritu tal-appell.

11. Id-dikriet li minnu sar l-appell la huwa sentenza u lanqas ma huwa dikriet interlokutorju; għalhekk il-proċedura biex jiġi impunjat ma hijiex dik ta’ appell. Dan ifisser illi l-proċedura magħżula mill-appellanti biex jimpunjaw il-provvediment tas-16 ta’ Diċembru 2020 hija ħażina, u l-eċċezzjoni preliminari għalhekk għandha tiġi milqugħa.

12. Għal din ir-raġuni l-qorti tgħid illi r-rikors ta’ appell tal-21 ta’ Diċembru 2020 ma jiswiex, u għalhekk ma tqisux aktar, bla ħsara għal kull rimedju ieħor li jistgħu għandhom l-appellanti.

13. L-ispejjeż ta’ dan l-episodju jħallsuhom l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm